MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Numru. 541/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**
**VS**
**JEAN PAUL FIOTT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jean Paul Fiott ta’ 28 sena, bin Victor u Iris Mary nee’ Naudi, mwieled fl- 14 ta’ Mejju 1983 Pieta’ , residenti 52, Id- Dwejra, Triq il- Malvizz Fgura u detentur tal- Karta tal-IDentita’ bin- numru 321583M;

Talli ;

1) f’ dawn il- Gzejjer fil- 31 ta’ Marzu 2011 gewwa l-Mellieha f’ xi hin bejn is- 6.00am u 12.00pm b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas tal- arti jew il- hila fil-

professjoni tieghu involontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il- persuna ta' George Gauci skont ma ccerifikat minn Dr. C. Zerafa MD Reg. no. 5257 tal- isptar Mater Dei;

2) u aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi saq vettura b' mod perikoluz, tarskurat jew negligenti;

3) u aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas tal- arti jew il- hila fil- professjoni tieghu nvolontarjament hassar gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli u cioe' rota liema hsara hija ta' €6,323.30 ghad- dannu ta' George Gauci;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu mic-Cirkewwa fid-direzzjoni lejn il-Marfa, fil-hin tat-8.00am. Meta wasal fid-dahla lejn il-Paradise Bay Hotel, hu dar ghal fuq il-lemin tieghu u qasam il-karreggjata opposta, fejn kien ghaddej George Gauci qed isuq ir-rota tieghu sejjer fid-direzzjoni opposta. Gauci kien qieghed jipprattika ghal kompetizzjoni li kellha ssir barra minn Malta, fejn din kienet tikkonsisti f' ”endurance race” fuq distanzi konsiderevoli. Mal-kollizjoni, Gauci sofra griehi gravi, u r-rota tieghu, tat-tip “racer” De Rosa, kellha hsarat konsiderevoli. Ghalhekk il-Pulizija istitwiet dawn il-proceduri kontra l-imputat.

Mil-provi prodotti l-Qorti tinsab konvinta li l-incident sehh tort unikament tal-imputat. Hu naqas milli jzomm dak li jissejjah “a proper lookout” meta qed jaghmel manuvra fejn qed jaqsam karreggjata shiha bit-traffiku gej fid-direzzjoni opposta biex jidhol f' parkegg fuq il-lemin

tieghu. Il-vittma tal-incident, Gauci, gie mistoqsi mil-Qorti jekk it-tahrig tieghu kienx jikkonsisti fi prattika ghal sprint jew f'pass anqas veloci izda konsistenti, u Gauci spjega li tal-eta' tieghu, hu jiehu sehem f'dawn il-kompetizzjonijiet li ma jkollhom ebda htiega ta' velocita' gholja. It-tahrig huwa f'li jkopri distanzi twal fuq medda ta' hin, minghajr il-htiega li jtella' velocita'. Fil-fatt dak il-hin hu ma kienx ghaddej b'aktar minn hamsa w ghoxrin kolometru fis-siegha, li ghal rota ta' dik it-tip fuq wita' lixxa, bhat-triq fejn sehhet il-kollizjoni, hija velocita' baxxa u komda. Dan jirrisult aminn dokument esebit minnu stess a fol. 32 tal-process. Dak id-dokument juri b'kemm velocita' kien ghaddej, id-distanza li kien qed ikopri, il-pass li kien ghaddej bih, u informazzjoni ohra relatata.

Mal-impatt, il-vettura misjuqa mill-imputat ma thallietx ezatt fuq il-post, u allura l-Pulizija ma setax jiehu skizz u jistabbilixxi l-punt fejn sehh l-impatt. Il-vettura garrbet hsarat fil-bieba ta' wara tan-naha tax-xellug, u ghalhekk il-Qorti tista' tikkonkludi li l-imputat kien ezatt f'nofs il-karreggjata opposta, hu u diehel fil-parkegg tal-lukanda, meta sehh l-incident. Gauca sab ruhu rinfaccjat b'emergenza instantanja, u ma kellux bizzejjed hin biex inaqqas il-velocita' jew jieqaf qabel ma sehh l-impatt. Ghalhekk it-tort tal-incident hu kollu tal-imputat. Madankollu, ghalkemm il-manuvra kienet wahda traskurata, il-Qorti ma rriskontratx sewqan perikoluz fl-imputat, u zgur ma kien hemm ebda ksuhat jew abbuz fil-manuvra li ghamel. Jirrisulta li fil-hin li sehh l-incident, ix-xemx kienet diretta f'ghajnejn l-imputat, tiela' minn fuq il-Marfa, u din setghet fixklitu fil-waqt li kien qed jaghmel dik il-manuvra. L-insenjament tal-Qrati taghna, izda, jaghmilha cara f'dan ir-rigward. Jinkombi fuq ix-xufier ta' dik il-vettura li qed taghmel manuvra li jzomm aktar kura meta' qed jaqsam u ghandu l-vizwali tieghu mxekkel b'xi mod. L-attenzjoni li jrid jippresta hija wahda akbar minn meta l-vizwali hija wahda cara u netta. Ghalhekk l-imputat naqas milli jzomm "a proper lookout" f'dan il-kaz, u sehh l-incident bi sfortuna u b'nuqqas ta' hsieb u attenzjoni.

Dan il-punt gie ttrattat diversi drabi mil-Qrati taghna. Hekk, per ezempju, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali, fil-

kawza fl-ismijiet "Pulizija v. Guzeppi Bilocca", deciza fit-12 ta' Frar, 2009, dik il-Qorti qalet hekk:

"Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "*driver to see what is in plain view".* (App. Krim. "**Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963]) u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** , [17.6.1961] ) Illi fi **"Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd"** (1968) , Il-Qrati Inglizi kienu irritenew li :-

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead* ***– it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity . A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area , of the pavements on the side of the road as well."*** (emfasi tal-Qorti)

Illi gie mbaghad dejjem ritenut li f 'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor . (App. Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri"** [16.3.1961] ; **"Il-Pulizija vs. John Polidano "** [3.11.1963] ; **"Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud"** [Kollez Vol. XXXVII. p.iv. p.1131] u ohrajn. ). Dana ghaliex il-**"contributory negligence"** ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883)."

Illi ghalhekk, kien jinkombi fuq l-imputat li jzomm "a proper lookout" kif spjegat fis-sentenzi hawn imsemmija. It-triq fejn sehh l-incident hija wahda dritta u ma hemm l-ebda xkiel ghall-vista tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta. L-unika haga li setghet fixklet lill-imputat kienet ix-xemx diretta f'ghajnejh, li fil-verita' kellha ggieghlu joqghod aktar

attent meta jigi biex jaqsam ghal-lemin tieghu u jidhol fil-karreggjati opposti. Kif qalet il-Qorti, izda, dan ma sarx bi ksuhat jew sewqan perikoluz, izda kien frott ta' sewqan traskurat, u kien incident fortunat ghall-ahhar.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti giet infurmata li l-partijiet qed jippruvaw jittransigu civilment l-ispejjez sofferti minn Gauci, kemm ghal dak li jirrigwarda danni fuq ir-rota tieghu, kif ukoll ghal dak li hu dizabilita' fizika u spejjez ohra medici li seta' sofra. Ghalhekk il-Qorti mhix ser taghti provvedimenti jew ordni biex isir hlas jew risarciment fis-sentenza, izda ser thalli dawn il-pendenzi biex jigu risolti civilment f'forum iehor. Bhala piena, il-qorti sejra taghti sanzjoni fil-komunita', ai termini tal-Kap 446.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 226(1)(a) u (b), 328(b)(c) u (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikolu 15(1)(a) u (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Issib lill-imputat Jean Paul Fiott hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, b'dan illi qed jinstab hati tar-reat minuri ta' sewqan traskurat izda mhux perikoluz, u ghaldaqstant minnflok piena qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------